MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 499/2002/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**George Victor Xuereb.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2002 li bih s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f' kuntratt datat 10 ta' Dicembru, 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef (Dok "A"), is-socjeta' attrici ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenut George Victor Xuereb.

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut George Victor Xuereb fis-somma ta' ghaxart elef, hames mija u

erbgha u tmenin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm10,584.08) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ George Victor Xuereb mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B5”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Ottubru, 2001 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

U illi l-konvenut gie nterpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 12 ta’ Novembru, 2001 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “C”, sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tikkundanna lil George Victor Xuereb jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef, hames mija u erbgha u tmenin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm10,584.08) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ George Victor Xuereb mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B5”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Ottubru, 2001 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 12 ta’ Novembru, 2001 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra ntavolati kontra l-istess konvenut mis-socjeta’ attrici ghal bilanci ohra dovuti minnu lis-socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahlufa mill-P.L. Joseph Zammit u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut ma’ pprezentax in-nota ta’ l-eccezzjonijiet u kwindi baqa’ kontumaci skond il-Ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Frar, 2004 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-prova prodott mill-Bank attur ma' giet kontradetta.

**Il-Qorti ghalhekk, fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut George Victor Xuereb jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, hames mija u erbgha u tmenin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm10,584.08) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' George Victor Xuereb mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru, 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru imsemmija fic-citazzjoni jigu sopportati kollha mill-istess konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------